**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 7**

It-Tnejn, 6 ta' Lulju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana u l-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg, l-Onor. John Baptist Camilleri, l-Onor. Franco Mercieca,* l-Onor. Alex Perici Calascione** u l-Onor. Nigel Vella kienu skużati.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Ray Abela, ~~l-Onor. Franco Mercieca* u l-Onor. Alex Perici Calascione~~** kienu assenti.

** Vide Minuti tas-Seduta 9 – 08.07.2026*
**** Vide Minuti tas-Seduta 9 – 08.07.2026*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 6 li saret fl-1 ta' Lulju 2026 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 145 Rapport bl-isem *Follow-up Audit Reports by the National Audit Office 2026 Volume I* maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika f'Lulju 2026;

P.L. 146 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3 li saret lis-Sedja mill-Onor. Michael Piccinino dwar mistoqsijiet parlamentari mhux imwieġba matul l-14-il Leġiżlatura;

P.L. 147 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4 li saret lis-Sedja mill-Onor. Graziella Attard Previ dwar is-servizz ta' childminding fil-Parlament; u

P.L. 148 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5 li saret lis-Sedja mill-Onor. Graziella Attard Previ dwar is-servizz ta’ childminding fil-Parlament.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 15 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA’ KARTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 149 Screenshot tal-web page tas-CPSU li turi informazzjoni dwar liema mediċini kienu out of stock fis-26 ta’ Ġunju 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 664.

Il-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 150 Tliet pjanti marbuta max-xogħlijiet fuq il-proġett tar-riġenerazzjoni ta’ Għar Lapsi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 828;

f’isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 151 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W48 dwar l-ispiża annwali ta’ kull karozza fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja, li ngħatat fis-seduta 5 tat-30 ta’ Ġunju 2026;

f’isem il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 152 Stqarrijiet Finanzjarji tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabilità (CRPD) għas-sena li għalqet fil-31 ta’ Diċembru 2025;

f’isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 153 Tabella li turi n-numru ta’ studenti li bbenefikaw minn Special Access Arrangements għall-eżamijiet tas-SEC fis-suġġetti tal-Ingliż, il-Malti, il-Matematika, il-Bioloġija, il-Fiżika u l-Kimika għas-snin bejn l-2024 u l-2026 maqsuma bejn skejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 540;

P.L. 154 Lista ta’ 32 skola li għandhom sistema tal-arja kundizzjonata f’kull klassi u staff room, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 578;

f’isem il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 155 Lista ta’ parks, ġonna, widien u spazji oħra miftuħa li fuqhom saru xogħlijiet mill-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir fis-snin bejn l-2022 u l-2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 526;

P.L. 156 Impact and Allocation Report tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2025;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 157 Avviż Legali Nru 176 tal-2026 – Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Final Settlement System (FSS);

P.L. 158 Avviż Legali Nru 177 tal-2026 – Financial Institutions Act (Consumer Credit) Regulations, 2026;

P.L. 159 Avviż Legali Nru 178 tal-2026 – Consumer Credit Intermediaries (Admission) Regulations, 2026;

P.L. 160 Avviż Legali Nru 179 tal-2026 – Banking Act (Consumer Credit) (Amendment) Regulations, 2026; u

f'isem il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 161 Stqarrija konġunta maħruġa mill-Malta Community Chest Fund u Heritage Malta bl-isem *Il-Libsa milbusa minn Mary Spiteri fil-Eurovision Song Contest 1992 akkwistata minn Heritage Malta biex issir parti mill-Kollezzjoni Nazzjonali*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 497.

**MOZZJONIJIET**

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI GĦALL-ISKRINJAR TAL-INVESTIMENT DIRETT BARRANI – MOZZJONI 23**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, ippropona l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani, Kap. 620" inqara l-ewwel darba.

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ DWAR IL-PROTEZZJONI TA' EMBRIJUNI GĦAS-SENA FINANZJARJA 2026 - MOZZJONI 17**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, skont l-Att dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni, Kap. 524.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Ian Borg u l-Onor. Stephen Spiteri.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed f'seduta li tiġi maqbula skont kif miftiehem fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET GĦAS-SENA FINANZJARJA 2026 - MOZZJONI 11**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, skont l-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, Kap. 563.

L-Onor. Romilda Zarb issekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Stanley Zammit u l-Onor. Toni Bezzina.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed f'seduta li tiġi maqbula skont kif miftiehem fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Fis-6.39 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Mozzjonijiet</u>**

Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2026

Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2026

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi | Tieni Qari |
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2026 | Votazzjonii |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Glenn Bedingfield.

Fis-7.04 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**